MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 211/2007

**A B**

**-vs-**

**C B; u l-istess C B b'digriet tas-17 t'Ottubru 2007 ġiet nominata bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat fit-18 ta` Mejju 2007 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-sittax (16) ta` Settembru 1986, kif jindika ċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok. A;

2. Illi l-kontendenti minn dana ż-żwieġ kellhom żewġt itfal, E ta` sbatax-il (17) sena, u D ta' ħmistax-il (15) sena (Dok. B);

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba illi l-intimata rrendiet

ruħha ħatja lejn ir-rikorrenti ta' adulterju, theddid, sevizji, eċċessi, inġurji gravi, kif ukoll minħabba inkompatibbilta' tal-karattru;
4. Illi r-rikorrenti talab u ottjena l-awtorizżżazzjoni meħtieġa sabiex jipproċedi f'din l-istanza (Dok. C);
5. Illi m'hemmx lok għal rikonċiljazzjoni u għalhekk kellha ssir din il-kawża.
Għaldaqstant ir-rikorrent qiegħed għar-raġunijiet hawn fuq premessi titlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:
1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minħabba adulterju, theddid, sevizji, eċċessi, inġurji gravi, illi l-intimata kkompetiet kontra żewġha r-rikorrenti;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D B salv l-aċċess lill-intimata lill-esponenti;
3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti għall-minuri D B dik ir-retta alimentari dovuta skond il-liġi;
4. Tapplika kontra l-intimata *in toto* jew *in parte* l-effetti skond id-dispost ta' Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta` Malta;
5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-kontendenti u billi wkoll tiġi stabbilita` data illi minn dakinhar, l-intimata titqies illi ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti u dana kollu jekk ikun il-bżonn bl-opra ta' periti nominandi, u billi jiġi nominat Nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-intimata fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;
6. Tassenja lir-rikorrenti d-dar matrimonjali ____________________ *(omissis)*;
7. Fin-nuqqas tordna illi l-fond __________________ *(omissis)*, jinbiegħ taħt l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti f'ishma kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.
Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-intimata illi hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.
Rat il-lista ta` xhieda u d-dokumenti esebita mar-rikors ġuramentat.
Rat ir-rikors tal-intimata ppreżentat fis-27 ta' Settembru 2007 fejn infurmat lill-Qorti illi kienet għadha kif ingħatat l-Għajnuna Legali u talbet għalhekk lill-Qorti jogħġobha

tagħtiha għoxrin (20) jum sabiex twieġeb għar-rikors ġuramentat. Rat id-digriet ta` l-1 ta` Ottubru 2007 fejn laqgħat it-talba tal-intimata.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-16 ta’ Ottubru 2007 b’kontro-talba, li permezz tagħha l-intimata eċċepiet illi filwaqt li hija tħoss li hemm lok għall-firda personali hija jidhrilha li t-tortijiet huma imputabbli lir-rikorrenti – tant li ser tgħaddi għall-kontro-talba – u għalhekk it-talbiet ta’ żewġha, ir-rikorrenti, għandhom jiġu miċħuda.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba ppreżentata kontestwalment ta’ C B f’isimha proprju u f’isem binha minuri D B, li permezz tagħha ppremettiet is-segwenti:

1. Ill hija żżewġet lil A B fis-6 – mhux 16 kif hemm fir-rikors ta’ żewġha – ta’ Settembru 1986 u għandhom żewġt itfal: E – mhux E kif hemm fir-rikors ta’ żewġha – illum ta’ eta’, u D li għadu minuri;
2. Illi l-ħajja in komuni bejn il-kontendenti m’għadhiex aktar possibbli minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi min-naħa tar-raġel A B.

Għaldaqstant l-intimata qegħda għar-raġunijiet hawn fuq premessi titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjuġi B minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi min-naħa tar-raġel A B;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D B lill-esponenti;
3. Tiffissa retta alimentari xierqa għall-esponenti u għal binha D;
4. Tikkudanna lil A B jħallas din ir-retta alimentari li għadha kif issemmiet;
5. Tikkomina kontra r-raġel A B l-penalitajiet disposti fl-art. 48 u 51 tal-Kap. 16;
6. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, taqsamha u tassenja tenut kont tat-talba ta’ qabel din;
7. Tawtorizza lill-esponenti sabiex ma’ wliedha u ad esklużjoni ta’ żewġha A B tgħix fid-dar taż-żwieġ.

Bl-ispejjez kontra żewġha A B, imħarrek minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ġuramentata tar-rikorrenti A B datat 2 ta` Novembru 2007, li permezz tagħha r-rikorrenti espona u bil-ġurament tiegħu espona li:

1. Iż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet imputabbli lill-mara, ossija adulterju kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża u jirriżulta mill-affidavits ppreżentati mill-esponenti u ibnu;

2. Illi konċernanti l-ulied minuri tal-kontendenti, dawn għandhom żewġt itfal, li huma D ta` ħmistax-il (15) sena li qiegħed preżenzjalment u ilu jabita mal-esponenti mill-ġurnata meta dan telaq mid-dar matrimonjali, u E ta' tmintax-il (18) sena, li għalkemm maggiorenni presenzjalment toqgħod mal-intimata. Illi l-intimata għandha tħallas manteniment għall-wild minuri D. L-arranġament preżenti m'għandux jinbdel peress illi l-minuri D ilu għal dan l-aħħar erba' snin jirrisjedi mal-esponenti u *di piu'* ma jridx imur jabita ma' ommu l-intimata;

3. Illi konċernantu d-dar taż-żwieġ ossija _________________ *(omissis)*, dina kienet ġiet akkwistata permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard datat tmintax (18) ta' Marzu elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) tul iż-żwieġ bejn il-kontendenti, u għalhekk, għandha tinbiegħ u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti jew alternattivament, minħabba l-adulterju l-esponenti flimkien ma' ibnu minuri jingħat d-dritt illi jabita fiha ad eskluzjoni tal-intimata;

4. Illi kwantu affarijiet personali, l-esponenti jixtieq biss li jingħata biss l-affarijiet personali tiegħu fosthom għodda tad-dawl, u tal-idejn, affarijiet ta' *hi-fi*, u logħħob tal-minuri D, u ħwejjeg personali tal-esponenti u ibnu.

Rat ir-risposta ġurmanentata tar-rikorrent għall-kontro-talba tal-intimata ppreżentata fit-2 ta` Novembru 2007, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi l-esponenti jaqbel illi għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, iżda għar-raġunijiet kif minnha esposti fir-rikors promotur;

2. Illi l-esponenti ma taqbilx illi l-kura u kustodja għandha tiġi fdata lill-intimata u dana peress illi l-minuri m'għandux relazzjoni tajba mal-intimata u *di piu* ilu dawn l-aħħar erba' (4) snin jabita mal-esponenti;

3. Illi l-esponenti ma jaqbilx mar-raba' talba minnha l-adulterju prattikat mill-intimata;
4. Illi kwantu għall-ħames talba ma jeżistux il-fatturi kontemplati fil-liġi sabiex jiġu applikati s-sanzjonijiet a tenur tal-artikoli ċitati;
5. Illi l-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti għandha tinqasam iżda bil-modalita' kif espost fir-rikors promotur u bl-applikazzjoni tal-artikoli msemmija;
6. Illi l-espoenti topponi għas-seba' talba u dan għar-raġunijiet kif minnu esposti fir-rikors promotur.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits ppreżentati.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Novembru 2007 li permezz tiegħu nnominat lill-Assistant Ġudizzjarju l-Av. Elena Naudi Depasquale biex tisma' provi u rat il-verbali tas-seduta miżmuma quddiemha.

Rat in-nota ta' sottomissjoni.

Rat id-digriet tas-6 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat ukoll ir-rikorsi biex jiġi estiż it-terminu tal-preżentata tan-noti u biex tiġi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza u finalment id-digret tal-14 ta' Diċembru 2012 li permezz tiegħu finalment il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif ġja' ngħad ir-rikorrenti qed jitlob s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba adulterju, theddid, sevizji, eċċessi, inġurji gravi, illi l-intimata kkomettiet kontra tiegħu. Min-naħa tagħha, l-intimata b'kontro-talba qegħda titlob l-firda personali minn ma' żewġha minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi min-naħa ta' żewġha. Għalkemm il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw, huma iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Hawnhekk għandu jingħad li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieg huma t-tnejn maġġorenni u allura l-Qorti m'għandhiex deċiżjonijiet x'tieħu fir-rigward.

**PROVI**

**RESPONSABBILITA' GHAS-SEPARAZZJONI**

<u>Provi tar-rikorrent</u>

**a) Affidavits**

Ir-rikorrenti ppreżenta l-affidavit ta' ibnu, **D B** (fol. 39 tal-proċess) fejn qal illi ra lil ommu ma' ċertu F (*sic*), *"kull meta mort id-dar dejjem sibt lil F. Anke meta tiġi għalija dejjem ma' F."*

L-affidavit tar-rikorrent, **A B (**fol. 44-81) li miegħu hemm annessi *print outs* ta' diskussjonijiet li kien ikollha l-intimata ma' terzi fuq il-kompjuter fol. 45-48) u fol. 51-61); lista ta' *messages* riċevuti fuq il-*mobile* 79791779 minn A B (fol. 49); ittra legali lill-Ispettur tal-Pulizija sabiex jinbdew proċeduri kriminali kontra C B (fol. 63); ittra ta' Dr Raymond Parascandolo dwar il-kundizzjoni li jbati minnha D B (fol.66); digriet tal-Qorti datat 14 ta' Settembru 2004 (fol. 67); ftehim privat datat 22 ta' April 2004 bejn Raymond Auto Dealer Limited u A B; ittra legali datata 22 ta` Marzu 2004 lill-Ispettur tal-Għassa Żejtun (fol. 69); ittra legali oħra datata 31 ta' Awissu 2005 lill-Ispettur tal-Għassa Żejtun (fol. 70); ittra legali oħra datata 28 ta' Novembru 2005 lill-Ispettur tal-Għassa Żejtun (fol. 71); digriet datat 4 ta' Ottubru 2004.

Ir-rikorrent elenka numru ta' istanzi fejn sab lil C B fil-kumpanija ta' terzi. Fl-affidavit tiegħu (*vide* fol. 62 tal-proċess) jgħid li *"sa llum-il ġurnata, sentejn u xahrejn wara jien għadni bla ċavetta u F il-boyfriend tagħha li hu ordnat mill-Onor. Padovani Grima, u mwissi mill-Avukat ta` C biex ma jidħolx fid-dar tiegħi, għandu ċavetta tal-bieb ta' barra. Jidħol u joħrog x'ħin irid sa ġieli raqad hemm, hu u t-tfal tiegħi."*

Xehed li darba minnhom segwa lil C B u għaraf li kien hemm ċertu G magħha (fol. 50). Hemm riferenza wkoll għal rġiel terzi oħra H (fol. 72 tal-proċess) u I (fol. 78) li kienu jidħol fid-dar matrimonjali.

**b) Xhieda**

Rat ukoll ix-xhieda ta` **A B** (fol. 87-88) tal-proċess fejn xtaq iżid xi affarijiet mal-affidavit tiegħu ġja' ppreżentat, l-iktar rigwardanti d-dar matrimonjali. Rega' xehed fl-14 ta' April 2008 fejn ta aktar dettalji dwar x'ġara bejn C B u G. Fis-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2008 esebixxa sett ta' disa' (9) ritratti (Dok. AC1-AC9 fol. 106-110) fejn spjega (fol. 112-113) li "AC4-AC7" huma ritatti meħuda meta C B u G waslu l-*airport*. Dok. "AC8-AC9" huma ritratti li ħadt il-ġurnata ta' qabel meta C B ġibet ma' xi ħaddieħor. Xehed

ukoll dwar H (*sic*) li kien ikun fid-dar ġewwa l-Gudja u reġa' xehed fuqu fis-seduta miżmum fl-14 ta` Ottubru 2008 (fol. 116-124 tal-proċess). Fl-istess xhieda jagħmel referenza għal J *"u in the meantime l-boyfriend tagħha J minn Bormla."* Reġa' xehed A B fis-17 ta' Marzu 2009 (fol 133-141) fejn għamel ċertu kjarifiki dwar H li kien xehed fuqu f'seduta preċedenti u li ma ġewx ċari fit-traskrizzjoni. Reġa' xehed ukoll fuq F u J.

Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2009 xehdu **K**(fol. 147-151) u **G** (fol. 152-165). K jixhed illi lil C B kien jafha mill-grupp Ward u Żahar, li huwa grupp għas-separati. Xehed illi ġieli kien iwassal lil C B d-dar wara l-laqgħa u ġieli daħal id-dar tagħha (fol. 148 *et seq*.). G xehed li kien jaf lil C B fuq ic-*chatting* tal-internet u kien iltaqa' magħha darba (fol 152) id-dar tiegħu iżda qatt ma mar id-dar ta' C B. Xehed li ltaqa' ma' A B xi darbtejn.

Fis-seduta 26 ta` Ottubru 2009 xehed **L** (fol. 168-174) xehed li lil C B u li forsi raha peress li jaħdem ġewwa Casino. Lil A B kien kellmu u qallu dwar relazzjoni mal-mara tieghu. Ix-xhud xehed li wieġbu: *"jiena raġel tal-familja u m'għandix noqgħod għalfejn norqod mal-mara tiegħek*." … *sic ...*

Fis-seduta tal-5 ta` Frar 2010, ġew ppeżentati 25 rapport intavolati mill-attur fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun u ta' Bormla, li jirreferu għad-diversi nċidenti mill-mara fil-konfront tar-raġel mis-17 ta' Marzu 2004 sal-14 ta' Settembru 2008, rigward diversi nsulti u nġurji (Dok PV1-PV25 fol. 179-228).

Ir-rikorrenti ppreżenta wkoll ittra ta' **Dr Joan Camilleri**, Clinical Psychologist (fol. 40-41 tal-proċess) datata 28 ta` April 2004 fejn għamlet dawn is-suġġerimenti:

*"I would suggest under the circumstances that the child and the mother see a psychologist in order for them to build up some form of rapport, for the mother to learn how to discipline the children and to learn parenting skills. This might take up to a year. An evaluation of the situation should take place after this.*

*I am also suggesting that the mother's access of the boy be done under supervision. He believes that his mother wants to see him in the presence of a third party, as indicated above. In order to avoid him being in the presence of a third party alone, if indeed thee is a third*

*party, and also for their relationship to be supervised and feedback given to he psychologist doing the intervention on the rapport, the meetings with the mother need to be made under supervision*.*"*

L-affidavit ta' **PS 359 C. Abdilla** (fol. 42-43) fejn xehed li l-kwerelanta C B għamlet rapport li A B naqas illi jiehu t-tifel skond id-digriet. A B kien residenti l-YMCA. D B nfurmah li ma riedx imur għandu ommu għax riedet tivvendika ruħha minnu.

**<u>Provi tal-intimata</u>**

**a) Xhieda**

Fis-seduta tal-4 ta` Marzu 2010 xehdet **C B** (fol. 230-262) fejn xehdet li meta kienu għadhom ma żżewġux, A B kien sab xogħol il-Libja u kien idum xahar barra u ħmistax hawn Malta. Kien hemm żmien wara li żżewġu meta A B kien bla xogħol, iżda kien għal xi żmien sab xi mpjieg ieħor ma' tal-luminata u Vassallo Builders. Meta ħarġet tqila xehdet li bdew xi problemi, per eżempju joqgħod jaqbad ma` xi segretarja (fol. 237) u ma xi persuna li ma tantx kienet influwenza tajba. Darba minnhom sabet ittra miktuba mill-mara ta' ħuha ndirizzata lir-raġel taghha. Kien hemm perjodi meta twieldet it-tarbija tagħhom li kien jitlaq għal xi ġranet mid-dar. Imbaghad kellhom it-tieni tarbija, it-tifel. F'dan iż-żmien kienu reġgħu magħqudin għal xi erba` snin. Wara dan iż-żmien ir-raġel reġa' beda jaħdem barra. Xehdet dwar inċident fejn kellha xi tgħid mal-mara ta' ħuha minħabba messaġġi li beda jibgħat A B. Wara dan l-episodju A B telaq għal xi ġranet mid-dar. Kien hemm perjodu meta ommha kienet tgħix magħhom A B kien aċċetta serenament din is-sitwazzjoni. Fl-2002 xehdet li kien hemm bidla oħra fir-raġel tagħha u beda joħroġ aktar ta' spiss ma' sħabu (fol. 260). Kien ir-raġel tagħha li għallimha tagħmel *chatting* fuq l-internet. Xehdet li kien ir-raġel tagħha li kien ta l-*mobile number* tal-mara lill-irġiel u dawn bdew iċemplula (fol 261). Xehdet ukoll dwar l-applikazzjoni li għamlet għall-*plot* u ħadet self mill-bank.

Kompliet tixhed l-istess C B fis-seduta tas-27 ta' April, 2010 (fol. 269-286) dwar il-messaġġi li kienet tirċievi, *"baqgħu jibgħatuli l-messaġġi; qed tifhem? Anke fuq il-computer baqgħu jidħlu fuqi ħażin; pero' jiena ma kontx naf naqra ħafna, allura kont ngħid lit-tifla tfehmni x'inhu*

*jiġri f'dawn l-affarijiet."* Xehdet ukoll li r-raġel tagħha beda jagħmel ic-*chatting* fuq l-internet man-nisa, bħal per eżempju ma' waħda jisimha C (fol. 270). Xehdet li darba meta kienet fuq il-kompjuter kellimha xi ħadd, li kien jismu Ivan (fol. 272) u bdew jitkellmu dwar il-possibbilta' li tbiddel id-dar minħabba l-kundizzjoni tal-mama' tagħha. Xehdet li t-tifel tagħha mar jgħid lil missieru li hija kienet iltaqgħet ma' raġel. Darba minnhom, A B kien ħa ċ-ċavetta *spare* tad-dar, il-*laptop*, il-passaport u l-liċenzja tas-sewqan (fol. 275). Minn dak l-inċident A B u t-tifel mar joqgħod ma' qraba tiegħu. F'dan il-perjodu ħadet passi bil-Qorti sabiex it-tifel jerġa' jirritorna d-dar. Kien hemm inċident il-Qorti li nqala' bejnha u l-qraba tieghu fil-Qorti. Għamlet tentattivi sabiex it-tifel tagħha jerġa' jmur joqgħod magħha d-dar.

Reġgħet xehdet C B fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2010 (fol. 289-301). C B kompliet tixhed li r-raġel u t-tifel tagħha rritornaw lura d-dar wara sebgħa xhur. Xehdet li kien hemm disgwid ta' kif ser jitħallsu l-ispejjeż tal-ħajja. Xehdet li darba minnhom hija flimkien mal-*"kunjatu tat-tifla"* raw lil A B jkellem lil tfajla. Kellhom xi jgħidu u r-raġel tagħha ċempel lill-Pulizija. Xehdet dwar tentattivi oħra li għamlet għall-aċċess għat-tifel. Xehdet li l-*"kunjatu tat-tifla"*, F, kien jipprova jressaqhom flimkien. Xehdet li A B kien issa qed jgħix ma' mara oħra, u t-tifel tagħhom jgħix miegħu.

Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010 xehdet għal darb'oħra C B u sarilha wkoll il-kontro-eżami (fol. 304-311); u **E B** u sarilha l-kontro-eżami (fol. 312-341), li reġgħet xehdet fil-qosor fit-23 ta' Novembru, 2010 (fol. 343-344).

C B xehdet li r-raġel tagħha ma baqagħlu xejn id-dar u kien ħa l-affarijiet personali tiegħu. In kontro-eżami l-istess C B xehdet dwar l-għamara li kien hemm id-dar, l-*appliances* u dwar il-karozza li kienet issuq.

E B xehdet li darba minnhom kienet sabet messaġġ u xi ritratt ta' mara fuq il-mobile tal-papa' tagħha. Xehdet dwar xi inkwiet li kien jinqala' bejn il-ġenituri tagħha fuq iċ-*chatting* tal-internet. Kien hemm episodju meta l-papa' tagħha u ħuha ma rritornawx id-dar għal xi ħames ġimgħat (fol. 319). Darb'oħra kienet rikoverata l-isptar għal erbat ijiem u missierha mar jaraha darba iżda ħuha ma setax. Kien hemm drabi meta ma kellhomx biżżejjed

flus għall-ikel. F'episodju ieħor kien hemm inċident bejn missier l-għarus tagħha u missierha. Kien diffiċli f'dan il-perjodu li tagħmel kuntatt mal-papa' tagħha. Xehdet li darba rat mara b'żewġt itfal f'Fiat blu li kienet tal-papa` tagħha.
In kontro-ezami xehdet li hija minn dejjem kienet toqgħod fid-dar tal-ġenituri tagħha. Xehdet li fil-garaxx m'hemmx karozzi iżda ma jidhriliex illi hemm għodda. Fid-dar hemm ukoll salott, kamra tal-banju, kamra tas-sodda, kċina fejn hemm it-televixin u bitħa. Fis-sular ta' fuq hemm veranda, kamra tas-sodda oħra li tintuża minn ziju u kamra tal-banju li għadha ma tlestitx. Fuq sular ta' fuq hemm il-kamra tas-sodda tagħha u oħra li kienet tintuża mill-ġenituri tagħha. Fuq il-bejt hemm il-*washroom*. Kien hemm riferenza għall-għarus tagħha ta' dak iż-żmien M u missieru, F. Hija xehdet li F kien ilu ma jmur id-dar tagħhom. F kien jgħinhom bħala *handyman.*
**N** xehdet fis-seduta tat-31 ta` Jannar, 2011 (fol. 347-374) li tiġi oħt il-kbira ta' C B. Hija xehdet li fil-bidu tal-ħajja miżżewġa ta' A u C B l-affarijiet kienu mixjin sew. Iżda darba meta oħtha kienet tqila għall-ewwel darba din uritha ittra li nkwetata ħafna. Huma kienu jiltaqgħu ħafna għand omm il-konvenuta. Xehdet dwar episodji fejn oħtha kienet tirrakkontalha li żewġha kien telaq mid-dar u kien imur żewġha, F, jieħdu lura d-dar. Xehdet ukoll li A B kien telaq flimkien mat-tifel tagħhom mid-dar. Anke meta beda l-inkwiet, oħtha baqgħet tgħix fl-istess dar il-Gudja. Xehdet ukoll li kien hemm xi ħadd, F, missier l-għarus tat-tifla, li kien jgħinha b'xi affarijiet d-dar.
In kontro-eżami xehdet illi hija rari kienet tmur għand oħtha peress li l-vista tagħha ma kenitx tajba. Hija xehdet li ġieli użat lil F jgħinha f'affarijiet id-dar. Lil G ma kenitx tafu. Xehdet li meta beda l-inkwiet bejn oħtha u r–raġel tagħha, oħtha kienet damet ftit ġranet toqgħod magħha.
**O** xehed fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2011 (fol. 434-455) u sarlu kontro-eżami. Xehed li A B kien in-neputi tal-mara tiegħu u kien jafu għal ħafna snin. Lil C B kien jafha bħala l-mara ta' A B. Xehed dwar xi nċidenti li kien inqala' bejn il-miżżewġin B xi żmien wara. Xehed li kien jaf li A B kien jaħdem barra minn Malta. Darba minnhom A B rritorna Malta qabel il-waqt u lill-mara tiegħu qallha li t-tifel tiegħu kien qallu li C B kienet qegħda tagħmel *chatting* ma' terzi

fuq il-kompjuter. A B u ibnu kienu għamlu xi seba' xhur joqogħdu mieghu. Kien hemm perjodu meta l-miżżewġin ippruvaw jirrangaw. Iżda għal darb'oħra kien inqala' xi nkwiet meta nbdew xi proċeduri l-Qorti. Xehed li darba mar ikellem lil xi ħadd Portelli bil-ħsieb li l-miżżewġin B jirranġaw.

In kontro-eżami xehed li lil Portelli mar ikellmu biex jara jekk kienx veru li kellu relazzjoni ma' C B. Dan Portelli qallu li C B kienet interessata takkwista *bungalow.*

Fit-3 ta' Mejju, 2011 xehdet **P** in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (fol. 457-466) u esebit 3 dokumenti (Dok. NB1-NB3 fol. 379-432). Ix-xhud ġiet mitluba tixhed dwar is-self oriġinarjament tal-Lohombus – fuq id-dar numru __________________ *(omissis)*, lis-Sinjura C B u tagħti dettalji tal-ħlasijiet kollha li saru u minn min. Xehdet li s-self beda fit-30 ta' Lulju, 1983 u kien għadu għaddej. Spjegat li r-*records* tal-bank imorru lura biss ħames snin. Xehdet li l-maġġoranza tħallsu minn C B. Il-bilanċ attwali kien ta' €3,747. Xehdet li kienet titħallas ukoll *insurance*.

Reġgħet xehdet fis-seduta tat-13 ta` Ġunju, 2011 l-istess P in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c. (fol. 488-495) u ppreżentat Dok. NB4 (fol. 468). Xehdet dwar l-*insurances* li jagħmlu tajjeb għall-kontijiet: *house policy*, u żewġ *life insurances*, waħda fuq C B (bdiet mill 1 ta' Lulju 1983) u oħra fuq A B (bdiet mill-1 ta' Lulju, 1985).

In kontro-eżami xehdet li mit-30 ta` Jannar, 2006 hemm diversi ffirmati minn C B. Il-bank ma kellux *records* ta' min ħallas minn qabel l-elfejn u sitta (2006). Kien hemm *records* ta' pagamenti li saru minn F. A B kien garanti fuq is-self b'ipoteka speċjali fuq l-assi kollha tiegħu.

Fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2011 kompliet tixhed P (fol. 523-528) u esebit Dok. NB5 u Dok NB6 (fol. 518-522). Xehdet li l-ewwel darba li ħallset C B fuq l-*insurance* kienet għadha xebba u sar fl-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u esebit ir-riċevuti tal-ewwel tlett snin.

Reġgħet xehdet in kontro-eżami fis-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2011 **C B** (fol. 496-515) u ġew ppreżentati 2 dokumenti (DOK. CC1-CC2 fol. 487). Xehdet li l-applikazzjoni li għamlet għall-*plot* saret fuq skema tal-għarajjes. Xehdet li l-*loan* kienet tħallsu mill-paga li kien jagħtiha r-raġel u l-flus li kienet tagħtiha l-mama' tagħha. Xehdet li hija kienet tagħti l-flus lil F biex iħallsilha l-*loan.*

Mistoqsija dwar il-kontenut tal-ittra li sabet fil-karozza u qalet li tiftakar li kien hemm *"Li ____ mar għal boat, u ma telagħlix għal griżma jew preċett kienet."* Iċċarrat illi allavolja fix-xhieda preċedenti tghid illi hija *"ċemplet"* lir-raġel tagħha kienet fil-fatt bagħtet messaġġi. Xehdet li G qatt ma taha fwieħa allavolja huwa stess xehed f'dan is-sens. Ġiet murija ritratti ta` mutur u C B xehdet li kien ta' habib tagħha li qatt ma raqad id-dar tagħha.

Fis-seduta tal-14 ta` Lulju, 2011 kompliet tixhed in kontro-eżami **C B** (fol. 529-535). Mistoqsija jekk għandhiex karti mill-bank li riedu jbiegħu d-dar b'subasta kkonfermat dan il-fatt, imma kellix l-karti fuqha. It-tifel tagħha kien joqgħod xi żmien ma' missieru l-YMCA.

C B reġgħet xehdet fis-7 ta' Diċembu, 2011 u esebit 6 dokumenti Dok. CC1-CC6 fol. 541-550.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2011, xehdet **Q**, rappreżentanta tal-Awtorita' tad-Djar (fol. 551-565). Spjegat li *"setgħu japplikaw jew koppji għarajjes jew koppji miżżewġin, għax il-plots kienu intiżi għal miżżewġin u għal għarajjes. Xi ħadd single ma setax japplika. Issa qabel kien hemm sistema li dak iż-żmien il-bank kien isellef lil minn 'l aktar li jaqla' paga. U qabel is-sistema kienet li jrid fil-kuntratt isir f'isem minn – jekk ikunu ser jieħdu loan kien isir min 'l iktar li qed jaqla' paga. Dik waħda mill-affarijiet importanti."* Dwar il-fatt li nbdew proċeduri ta' separazzjoni tixhed kif gej: *"Jiena l-unika ħaġa li nista' ngħid li isma' bħala Awtorita' aħna ma nidħlux …; aħna l-unika ħaġa li nista' ngħid li huma t-tnejn applikanti tagħna u t-tnejn huma benefiċċjarji tagħna."*

Fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2012 xehed **A B** u ppreżenta 6 dokumenti (Dok. PV1-PV6 fol. 569 *et seq.*). Dwar il-kontijiet ippreżentati minn C B huwa ma kienx jaf bihom għax kien fuq il-mobile lill-persuni li ma kienx jaf bihom. Xehed li l-paga tiegħu kienet dejjem f'idejha. Huwa kien iċemplilha minn barra. Esebixxa *notebook* li skond ix-xhieda tiegħu juri li C B kienet taf tikteb. Xehed li huwa kien jiddubita mill-veraċita' tal-ittra li C B dwar pagamenti li saru minn omm C u N. Fix-xhieda tiegħu rrifjuta l-pagamenti li saru minn dawn il-flus għax xehed li l-pagamenti kienu jsiru kollha mill-paga tiegħu. Ippreżenta wkoll żewġ riċevuti tal-aluminium mixtri mill-Malta

Aluminium, Balzan u riċevuta oħra tax-xogħol fuq il-parapett eċċ.

Fix-xhieda tiegħu, A B (fol. 87 *et seq*. tal-proċess) xehed li meta kienu għarajjes, applikaw għall-*plot* tal-Gvern taħt skema tal-għarajjes. L-applikazzjoni ntlaqgħat u bnew id-dar. Esebixxa l-kuntratt datat 18 ta' Marzu 1988 fl-atti tan-Nutar Pierre Attard, wara sentejn żwieġ (Dok. EC1 fol 89-98). Xehed ukoll illi fuq il-kuntratt dehru hu, C B, rappreżentant tal-*Housing Authority* u rappreżentant tal-*Lohombus Corporation*, peress li kien hemm self.
Fis-seduta tal-4 ta` Marzu 2010 xehdet **C B** (fol. 230-262) xehdet ukoll dwar l-applikazzjoni li għamlet hija stess għall-*plot* u kienet hija li ħadet self mill-bank HSBC għall-istess skop (fol.232-233).
Fis-seduta tat-13 ta` Ġunju, 2011 Dr Renzo Porsella Flores ippreżenta dokumenti dwar l-akkwist tad-dar 17 (41), Triq de Warsbergh, Gudja (Dok. RPF1 fol. 469 et seq.).

**TORT**

Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi hija konvinta li l-partijiet it-tnejn jaħtu ndaqs għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom. Anke jekk ma ġiex pruvat konklussivament l-adulterju (fis-sens li xi ħadd inqabad *'in flagrante'*) ma hemmx dubju li l-partijiet kienu ħatja ta' nġurji gravi fil-konfront ta' xulxin u t-tnejn li huma fittxew ħbiberiji ntimi ma' persuni tas-sess oppost. Ma hemmx anzi dubju li eventwalment it-tnejn kellhom ukoll relazzjonijiet intimi ma' wħud minn dawn il-persuni. Biżżejjed li wieħed jara dak li ntqal mix-xhieda prodotti aktar 'il fuq.
In vista ta' dan ukoll il-Qorti hija tal-fehma li l-partijiet tilfu kull dritt ta' **manteniment** li seta' kellhom fil-konfront ta' xulxin.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

L-aktar proprjeta' ta' valur hija d-dar konjugali. Il-konvenuta kienet akkwistat l-art li fuqha nbniet id-dar fl-1988 kif jidher mill-att tal-akkwist u hija xtrat mingħand l-Awtorita' tad-Djar. Ma hemmx kwistjoni allura, li l-fond jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti. L-attur telaq mid-dar fl-2004; minn dakinhar ma ħallas xejn mill-ħlasijiet dovuti lill-HSBC Bank għas-self li kienu ħadu biex bnew il-proprjeta'; jirriżulta li minn

dakinhar il-konvenuta ħallset €35 fix-xahar u kwindi għandha tieħu dawn il-flus (€3,360) qabel ma jinqasam ir-rikavat dovut mill-bejgħ tagħha li l-Qorti inevitabilment se tordna peress li ma rriżultat ebda raġuni biex il-Qorti tassenja lil xi ħadd mill-partjiet biex tibqa' tgħix fil-fond a skapitu tal-parti l-oħra. Il-konvenuta ħallset ukoll €410 fi ċnus u €186 assikurazzjoni fuq il-fond f'dan il-perjodu. Dawn jammontaw għal €596 oħra u għalhekk b'kollox €3,954.

L-attur ħa wkoll miegħu żewġ vetturi, mutur (Honda) u karozza (Toyota) li kienu jiswew b'kollox **Lm** 9,500 <u>fil-munita ta' dak iż-żmien</u>. Dawn se jiġu assenjati lilu iżda naturalment irid jagħti nofs il-valur lill-konvenuta; peress li issa żgur dawn m'għadhomx jiswew daqstant il-Qorti *arbitrio boni viri* se tordna ħlas ta' €5,500 bħala ekwiparazzjoni.

Ma jidhirx li l-partijiet kellhom xi assi oħra iżda l-Qorti għal kull buon fini se tagħti provvedimenti oħra fil-parti dispożittiva tas-sentenza biex huma ma jkollhomx aktar vertenzi fil-konfront ta' xulxin.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi, fir-rigward tal-azzjoni tal-attur:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba iżda għal raġunijiet imputabbli lill-partijiet it-tnejn li huma u bl-istess tort;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba peress li l-minuri laħaq il-maġġor eta' fil-mori tal-kawża;**

**3. Tastjeni għall istess raġuni mit-tielet talba;**

**4. Tilqa' r-raba talba;**

**5. Tilqa' l-ħames talba fis-sens li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti; tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond numru 17, Triq De Warsberg il-Gudja u wara li l-konvenuta tippreleva s-somma ta' €3,954 u jitħallas id-dejn fuqha ir-rikavat jinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet – dan wara li ssir id-debita stima mill-A.I.C. Mario Cassar nominat għal dan l-iskop; tassenja lill-atturi il-mutur Honda u l-vettura Toyota iżda huwa għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' €5,500 bħala ekwiparazzjoni; tordna li kull flus depositati f'banek jew istituzzjonijiet finanzjarji jinqasmu ndaqs bejn il-kontendenti li għandhom iżommu bħala**

**proprjeta’ tagħhom kull proprjeta’ oħra mobbli fil-pussess tagħhom illum.**
**6. Tiċħad is-sitt talba;**
**7. Peress li ġja’ provdiet dwarha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba’ talba;**
**Għar-rigward tal-kontro talba;**
**1. Tilqa’ l-ewwel talba iżda għal raġunijiet imputabbli liż-żewġ partijiet indaqs;**
**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba għar-raġuni ġja’ msemmija;**
**3. Tastjeni ukoll milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba;**
**4. Tiċħad ir-raba’ talba;**
**5. Tilqa’ l-ħames talba;**
**6. Billi ġja’ provdiet fl-azzjoni tal-attur, tirreferi għal dak ġja’ deċiż hemmhekk;**
**7. Tiċħad is-seba’ talba;**
**L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------